MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-14 ta' Ottubru, 2019

Rikors Maħluf Numru 1244/2018 LM

**Adrian Chircop (K.I. 444871M)**

***vs.***

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-12 ta' Diċembru, 2018 minn **Adrian Chircop** (K.I. 444871M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi permezz tan-nota tad-dsatax (19) ta' Ottubru 2018 annessa u mmarkata bħala Dok. AC1 liema nota r-rikorrent irċeviha biss fl-24 ta' Novembru, 2018, l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi talab ħlas tal-ammont ta' erbgħa u disgħin elf, mitejn u*

*tnejn u tletin Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€94,232.85) mingħand Adrian Chircop personalment u in rappreżentanza bħala s-segretarju tal-kumpannija Steps Ahead Ltd. (C 41209);*

2. *Illi l-imsemmija nota ġiet ippreżentata ai termini tal-Artikolu 59 et seq tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta u partikolarment sabiex tirrendi esegwibbli t-titolu eżekuttiv li allegatament għandu l-istess uffiċċju intimat kontra Steps Ahead Ltd.;*

3. *Illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxa hija infondata fil-fatt u fid-dritt għas-segwenti raġunijiet;*

4. *Illi r-rikorrent mhuwiex segretatrju tal-kumpannija Steps Ahead Ltd u dan wara li kien irriżenja minn din il-kariga u għalhekk huwa ma jistax illum jiġi interpellat in rappreżentanza tal-kumpannija Steps Ahead Ltd., kopja ta' Form K annessa u mmarkat bħala Dok. AC2;*

5. *Illi ai termini tal-Artikolu 58 sub-artikolu 2 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, kull talba fil-konfront ta' Adrian Chircop hija preskritta fejn jingħad kjarament li 'bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-sub-artikolu (3), il-Kummissarju jista' jibda azzjoni għall-ħlas ta' kull taxxa u ta' penali amministrattiva f'kull żmien matul sitt snin mid-data meta dik it-taxxa jew penali kellhom jitħallsu';*

6. *Illi għaldaqstant l-avviż maħruġ mill-intimat Kummissarju tat-Taxxa ma jistax jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-konfront tar-rikorrent;*

7. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet suesposti r-rikorrenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara d-demand note mibgħuta fid-19 ta' Ottubru, 2018 ma tagħmilx stat fil-konfront ta' Adrian Chircop fejn u sa fejn tirriklama u tivvanta pretensjonijiet ta' taxxa dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi minn Adrian Chircop personalment qabel id-data tal-24 ta' Novembru, 2018 u dan peress li hija preskritta a tenur tal-Artikolu 58 sub-artikolu 2 ta' Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara li n-nota datata dsatax (19) ta' Ottubru 2018 hija nulla u bla effett in kwantu interpellat lir-rikorrent għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpannija Steps Ahead Ltd u dan peress li llum ma għadux jokkupa l-kariga ta' segretarju tal-kumpannija.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-**Kummissarju tat-Taxxi** (minn issa 'l quddiem "Il-Kummissarju konvenut") li ġiet ippreżentata nhar it-8 ta' Frar, 2019 u maħlufa minn **Clayton Tabone** (K.I. 119791M) in rappreżentanza tal-istess, fejn ġie eċċepit:

1. *Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrenti;*

2. *Illi kuntrarjament għal dak allegat fir-rikors ġuramentat, ir-rikorrent hu responsabbli, kemm personalment u kif ukoll bħala rappreżentant tas-soċjetà Steps Ahead Limited (C 41209), għat-taxxa dovuta mill-istess soċjetà għall-perijodi kif indikati fit-talba għall-ħlas annessa mar-rikors ġuramentat, matul liema perijodi r-rikorrent kien jokkupa l-kariga ta' segretarju tal-imsemmija soċjetà. Il-fatt li r-rikorrent hu responsabbli b'mod solidali mal-imsemmija soċjetà Steps Ahead Limited jirriżulta minn deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Rik. Nru. 57/15 VG) nhar it-8 ta' Frar, 2018 (kopja hawn annessa bħala Dok. A), kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri – Appell Nru. 57/2015 AE) b'deċiżjoni mogħtija nhar il-5 ta' Ottubru, 2018 (kopja hawn annessa bħala Dok. B);*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-ħlas dovut mir-rikorrent lill-Kummissarju intimat mhuwiex preskritt kif allegat mir-rikorrent u dan kif se jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża;*

4. *Illi konsegwentement id-demand note in kwistjoni datata 19 ta' Ottubru, 2018 maħruġa mill-Kummissarju intimat fil-konfront tar-rikorrnt hi valida u tikkostitwixxi titolu eżekuttiv favur il-Kummissarju intimat.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Lulju, 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-Kummissarju konvenut, permezz ta' nota li ġġib id-data tad-19 ta' Ottubru, 2018, talab il-ħlas ta' €94,232.85 mingħand l-attur personalment, rappreżentanti taxxa pura dovuta, imgħaxijiet, penali, kif ukoll stejjem ta' taxxa għal perijodu ta' żmien meta l-attur kien segretarju tal-kumpannija bl-isem ta' Steps Ahead Limited, minn liema kariga l-attur irriżenja b'effett mill-15 ta' Marzu, 2013. Il-perijodu ta' taxxa kopert b'din in-nota huwa mill-1 ta' Marzu 2010 sal-21 ta' Marzu, 2013, effettivament il-perijodu kollu li matulu l-attur kien segretarju tal-imsemmija kumpannija. Dawn mhumiex l-ewwel proċeduri legali bejn il-partijiet, u fil-fatt dawn il-proċeduri jsegwu proċeduri li l-attur odjern kien istitwixxa quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fejn talab lit-Tribunal jiddikjara li huwa mhux responsabbli għal pendenzi ta' taxxa li jistgħu jkunu dovuti mill-kumpannija Steps Ahead Limited, u dan minħabba li hu kien irriżenja mill-kariga ta' segretarju ta' din il-kumpannija. It-Tribunal kien sab li kien hemm xi nuqqasijiet tal-attur, kif ukoll li dan kien mexa b'nuqqas ta' *bona fede* fil-konfront tas-soċjetà Steps Ahead Limited u fir-rigward tal-inkarigu li kellu jaqdi, u għalhekk it-Tribunal iddeċieda li l-attur huwa responsabbli għall-ħlas tat-taxxa dovuta. Minkejja li l-attur intavola appell minn din id-deċiżjoni, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) ikkonfermat id-

deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, u qablet li l-attur għandu jinżamm responsabbli għall-ħlas tat-taxxa, il-penali u l-imgħaxijiet dovuti. Il-proċeduri odjerni ġew istitwiti mill-attur wara li in segwitu għal dawk id-deċiżjonijiet tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri), il-Kummissarju konvenut bagħat *demand note* lill-attur sabiex jirrendi esegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-konvenut għandu fil-konfront ta' Steps Ahead Limited. L-attur jippretendi li huwa m'għandux jinżamm responsabbli għal tali ħlasijiet minħabba li hu kien irriżenja minn segretarju tal-imsemmija kumpannija, filwaqt li qatt ma kellu xi rwol ieħor fiha, u jikkontendi wkoll li l-azzjoni tal-Kummissarju konvenut ġiet preskritta bid-dekors ta' sitt snin minn meta dik it-taxxa u penali kellhom jitħallsu. L-attur qiegħed jippretendi wkoll li l-avviż (*demand note*) maħruġ mill-Kummissarju tat-Taxxa ma jistax jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-konfront tiegħu, u għalhekk qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li d-*demand note* inkwistjoni ma tagħmilx stat fil-konfront tiegħu stante li hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 58(2) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. L-attur jikkontendi wkoll li l-imsemmiija *demand note* hija nulla u bla effett fil-konfront tiegħu, inkwantu huwa ġie interpellat għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpannija Steps Ahead Limited meta hu m'għadux segretarju tal-istess kumpannija.

Min-naħa tiegħu l-Kummissarju konvenut wieġeb li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur huwa responsabbli kemm personalment kif ukoll bħala segretarju ta' Steps Ahead Limited għat-taxxa dovuta minn din is-soċjetà għall-perijodi indikati fit-talba, f'liema perijodi l-attur kien segretarju tal-istess soċjetà. Il-konvenut wieġeb ukoll li dwar ir-responsabbilità tal-attur diġà hemm deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). Intqal ukoll li t-terminu

li fih il-Kummissarju konvenut seta' jressaq il-pretensjoni tiegħu għadu mhux preskritt u li d-*demand note* inkwistjoni hija waħda valida fil-konfront tal-attur u tikkostitwixxi titolu favur il-Kummissarju konvenut.

**Provi u riżultanzi**

Flimkien mar-rikors promutur, l-attur ippreżenta kopja ta' *demand note* bid-data tad-19 ta' Ottubru, 2018, maħruġa mid-Dipartiment tat-Taxxa[1], u indirizzata lilu personalment u bħala segretarju tas-soċjetà Steps Ahead Limited, fejn l-attur ġie mgħarraf li kien hemm pendenti l-ħlas tas-somma ta' €94,232.85 fuq in-numru tal-VAT bir-reġistrazzjoni MT 18383325, u li din in-notifika kienet qiegħda tintbagħat lilu *ai termini* tal-artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, b'kopja tal-i*statement* relattiv[2], li juri li l-ħlas qiegħed jintalab fir-rigward tat-taxxa dovuta għall-perijodu bejn l-1 ta' Marzu, 2010 u l-1 ta' Diċembru, 2012, li jkopri l-perijodu sal-1 ta' Frar 2013, bil-penali u bl-imgħaxijiet fuqu. L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' Form K mibgħuta lir-Reġistratur tal-Kumpanniji fil-15 ta' Marzu, 2013, *ai termini* tal-artikolu 146(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji, li permezz tagħha r-Reġistratur ġie mgħarraf li l-attur kien qiegħed jirriżenja minn segretarju tas-soċjetà Steps Ahead Limited, b'effett mill-istess data tal-15 ta' Marzu, 2013.[3]

Il-Kummissarju konvenut min-naħa tiegħu ppreżenta kopja ta' deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fit-8 ta' Frar, 2018 fl-ismijiet **Adrian Chircop *vs.* Kummissarju tat-Taxxi**[4], wara li l-attur odjern kien

[1] *A fol.* 4 tal-proċess.
[2] *A fol.* 4 *retro* tal-proċess.
[3] *A fol.* 5 tal-proċess.
[4] *A fol.* 14 tal-proċess.

nieda proċeduri *ai termini* tal-artikoli 44(i) u (j) tal-Kapitolu 406, sabiex it-Tribunal jiddikjara li huwa mhux responsabbli għall-kumpannija Steps Ahead Limited, u għall-infrazzjonijiet li din setgħet wettqet taħt l-istess Kapitolu tal-liġi. Il-lanjanza ewlenija tal-attur f'dawk il-proċeduri kienet li wara li huwa kien aċċetta l-inkarigu ta' segretarju tal-kumpannija Steps Ahead Limited, kien irriżultalu li din kienet *bubble company,* u huwa ma kienx ingħata l-informazzjoni finanzjarja tal-kumpannija, meħtiega sabiex huwa jkun jista' jassigura li din kienet qiegħda twettaq l-obbligi fiskali tagħha. L-attur jikkontendili l-operaturi tal-istess kumpannija ħarbu minn Malta u abbandunaw l-uffiċċji tal-istess kumpannija, u warajhom dawn ħallew pendenzi ta' kera u ta' kontijiet oħra, fosthom il-kontijiet u penali dovuta lid-Dipartiment tal-VAT u lir-Reġistratur tal-Kumpaniji. Fil-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, il-Kummissarju tat-Taxxa wieġeb li tul is-snin li fihom l-attur serva ta' segretarju tal-kumpannija Steps Ahead Limited, din il-kumpannija naqset li tissottometti fil-ħin tlettax-il denunzja tat-taxxa. It-Tribunal osserva wkoll li tul iż-żmien li fih l-attur dam iservi bħala segretarju tal-kumpannija Steps Ahead Limited, hu naqas milli jieħu interess jekk mhux addirittura abdika mill-obbligi tiegħu bħala segretarju, u għalhekk ċaħdet t-tabiet attriċi.

Il-Kummissarju konvenut ippreżenta wkoll kopja tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tal-5 ta' Ottubru, 2018[5], wara li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kien ċaħad il-pretensjoni ewlenija tal-attur li huwa mhux responsabbli għall-ħlas tat-taxxa tal-kumpannija Steps Ahead Limited, u għal kwalsiasi infrazzjoni tal-Kap. 406 li setgħet twettqet minnha. Il-Qorti ċaħdet l-

[5] *A fol.* 22 tal-proċess.

appell tal-attur wara li qieset li dan naqas milli jaġixxi b'*bona fede*, u l-obbligi tal-attur fil-kariga li kien jokkupa ma kinux biss li jimxi b'mod onest, iżda dan kellu wkoll l-obbligu pożittiv li jaġixxi b'diliġenza u li jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni fejn ikun jaf jekk l-obbligi fiskali tal-kumpannija li kien qiegħed jirrappreżenta kinux qegħdin jiġu mwettqa.

L-attur **Adrian Chircop** fl-*affidavit* tiegħu qal[6] li hu ilu jeżerċita l-professjoni ta' *accountant* mis-sena 2008. Qal li l-ewwel darba li hu rċieva *demand note* sabiex iħallas it-taxxa dovuta mis-soċjetà Steps Ahead Limited, kien fl-24 ta' Novembru, 2018. Ix-xhud qal li hu qatt ma kien direttur jew okkupa xi kariga f'din il-kumpannija, u lanqas ma kien azzjonist tagħha, għalkemm kien intalab jaqdi l-inkarigu ta' segretarju tal-istess kumpannija, u kien aċċetta. Qal li hu beda jokkupa din il-kariga ta' segretarju fid-19 ta' Mejju, 2010, u kien irriżenja minn segretarju tal-istess kumpannija fil-21 ta' Marzu, 2013. Qal li l-kumpannija kienet tinkariga kumpanniji ta' *accountants* u awdituri sabiex jieħdu ħsieb il-kontijiet tagħha, u kienu dawn l-accountants li kienu f'kuntatt mas-soċjetà Steps Ahead Limited sabiex jassiguraw li din kienet qiegħda twettaq l-obbligi fiskali tagħha, filwaqt li hu ma kienx ikun involut f'dawn il-proċessi. Żied jgħid li meta hu rriżenja minn segretarju tal-istess kumpannija, hu kien ingħata parir li hu ma setax jinżamm responsabbli għall-infrazzjonijiet tagħha u kien għalhekk li hu nieda proċeduri legali li permezz tagħhom talab li jiġi ddikjarat li huwa ma kienx responsabbli għal xi infrazzjonijiet tagħha. Qal ukoll li filwaqt li hu ma ressaq l-ebda mandat ta' inibizzjoni kontra d-Dipartiment tat-Taxxa sabiex dan ma jiħux azzjonijiet kontra tiegħu, l-istess Dipartiment lilu qatt ma kitiblu jew b'xi mod interpellah sabiex iwieġeb għal xi nuqqas. L-attur spjega li meta hu rċieva l-ewwel *demand note,* huwa kien

[6] *A fol.* 37 tal-proċess.

intalab iħallas l-ammont ta' €62,510.45 bħala taxxa dovuta mill-kumpannija Steps Ahead Limited għall-perijodu bejn l-1 ta' Marzu, 2010 u l-1 ta' Diċembru, 2012, f'liema perijodu ta' żmien din il-kumpannija lanqas kienet qiegħda topera. L-attur ikkonkluda billi qal li hu ilu nieqes minn din il-kumpannija sa minn meta rriżenja f'Marzu tal-2013, u għalhekk huwa jikkontendi li l-azzjoni tal-Kummissarju konvenut hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 58 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2019 xehed **Clayton Tabone**, in rappreżentanza tal-Kummissarju konvenut[7], li qal li kienet intbagħtet *demand note* lill-attur fid-19 ta' Ottubru, 2018 għalkemm din ma kinitx ġiet notifikata lilu. Qal ukoll li ma kienet intbagħtet ebda *demand note* oħra lill-attur qabel dik tad-19 ta' Ottubru 2018, u *demand note* oħra bl-istess data kienet intbagħtet lill-attur f'indirizz differenti, li l-attur jgħid li kien irċieva fl-24 ta' Novembru, 2018.

Fl-istess udjenza xehed **Paul Scicluna**, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi[8], li ppreżenta erba' denunzji tat-taxxa għall-perijodi minn Marzu tal-2010 sa Frar tal-2011[9], u qal ukoll li d-denunzji li mmaturaw mill-1 ta' Marzu 2011 'il quddiem ma ġewx ippreżentati. Ix-xhud qal li minkejja li daħlu dawn id-denunzji, l-ebda pagamenti ta' taxxa ma daħlu għal dan il-perijodu, u l-aħħar ħlas ta' taxxa li sar f'isem Steps Ahead Limited sar għall-perijodu li fih l-attur kien għadu ma daħalx fil-kumpannija. Ix-xhud ippreżenta għadd ta' dokumenti li jindikaw li sas-sena 2008, il-kumpannija Steps Ahead Limited

[7] *A fol.* 43 tal-proċess.
[8] *A fol.* 58 tal-proċess.
[9] Il-perijodi relattivi huma Marzu 2010 sa Mejju 2010; Ġunju 2010 sa Awwissu 2010; Settembru 2010 sa Novembru 2010 u Diċembru 2010 sa Frar 2011.

kienet ħallset l-ammont ta' aktar minn €37,000 f'taxxi, iżda dawn il-ħlasijiet kollha saru qabel mal-attur assuma r-rwol ta' segretarju tal-kumpannija.[10]

Fl-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2019 xehed **Roberto Micallef**[11], li qal li hu jaħdem bħala *accountant,* u f'dan ir-rwol kien iżomm il-kotba tal-kumpannija Steps Ahead Limited. Ix-xhud qal li l-kotba kienu jinżammu abbażi tal-informazzjoni li kienet tipprovdi l-istess kumpannija. Ix-xhud qal li l-informazzjoni finanzjarja tal-kumpannija kienet tingħata mid-direttur tagħha, ċerta Kristina Fornarovic, u l-kumpannija tiegħu kienet responsabbli biex iżżomm il-kotba, fosthom il-mili tal-formoli tal-VAT. Ix-xhud qal li wara li ġiet ippreżentata d-denunzja għall-perijodu Diċembru 2010 sa Frar 2011, il-kuntatt mal-kumpannija Steps Ahead Limited waqaf, u hemmhekk spiċċa l-inkarigu tiegħu. Ix-xhud ikkonferma li hu kien beda jieħu ħsieb il-kotba ta' din il-kumpannija sa mill-bidu nett li din ġiet imwaqqfa, għalkemm qal li ma kienx hu li ħa ħsieb l-inkorporazzjoni tagħha. Żied jgħid li l-attur kien student tiegħu meta kien jagħti xi *lectures* tal-ACCA. Qal li hu sar jaf li l-attur kien segretarju ta' din il-kumpannija wara li tilef il-kuntatt mad-diretturi tagħha, u wara li bagħat sensiela ta' *emails* li ma ġewx imwieġba, sar jaf li l-attur kien is-segretarju tal-kumpannija.

Il-kontroeżami tal-attur sar waqt l-udjenza tat-3 ta' Ġunju, 2019[12], fejn qal li hu kien aċċetta r-rwol ta' segretarju tal-kumpannija Steps Ahead Limited wara li ditta ta' avukati EMD kienu qalulu li hemm dan ir-rwol vakanti, u staqsewh jekk kienx interessat. Qal li hu aċċetta l-inkarigu wara li vverifika min huma l-awdituri u l-*accountants* tal-kumpannija. Qal li dawn l-istess avukati li

[10] *A fol.* 61 *et seq.* tal-proċess.
[11] *A fol.* 67 tal-proċess.
[12] *A fol.* 73 tal-proċess.

avviċinawh kienu qalulu li din kienet kumpannija tajba. L-attur qal li minkejja li hu kien jaf min kienu l-awdituri u l-*accountants* tal-kumpannija, il-verifiki li kien ikollu bżonn jagħmel dejjem kien jagħmilhom mad-direttriċi tal-kumpannija. Qal li kull darba li talab kopji ta' dokumenti, id-direttriċi kienet tinfurmah li dawn dalwaqt ikunu għandu, u qal li hu ddeċieda li jirriżenja minħabba li din l-informazzjoni baqgħet ma ngħatatlux. Ix-xhud qal li hu kien ħa parir legali dwar il-mod kif għandu jimxi, u kien beda proċeduri legali sabiex il-Qorti tiddikjara li hu mhux responsabbli għall-obbligi tal-VAT tal-kumpannija inkwistjoni. Qal ukoll li meta hu rċieva d-*demand note* b'talba għall-ħlas tat-taxxa dovuta, hu kien sorpriż għax qatt qabel ma kien ġie mgħarraf li l-kumpannija li tagħha kien segretarju kellha pendenzi ta' taxxa mhux imħallsa. L-attur żied jgħid li wara li rriżenja huwa għamel kuntatt mal-awdituri tal-kumpannija, u dawn min-naħa tagħhom kienu qalulu li huma wkoll kienu rriżenjaw minħabba li kellhom jiġbru xi flus mingħand il-kumpannija Steps Ahead Limited.

**Clayton Tabone** in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-VAT, fl-*affidavit* tiegħu[13] qal li hu jaħdem bħala VAT inspector fis-Sezzjoni tal-Ġbir fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi. Ix-xhud qal li Adrian Chircop kien ġie maħtur bħala segretarju ta' Steps Ahead Limited (C 41209) fid-19 ta' Mejju, 2010, u dan kien irriżenja minn din il-kariga fil-15 ta' Marzu, 2013. Qal li dan ifisser li l-attur kien responsabbli bħala rappreżentant tal-imsemmija kumpannija għall-ħlas tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud dovuta minn din il-kumpannija għall-istess perijodu. Qal li l-Kummissarju tat-Taxxi kien innotifika lis-soċjetà Steps Ahead Limited fl-14 ta' Jannar, 2014 li kien hemm pendenzi mad-Dipartiment permezz ta' nota b'talba għall-ħlas mibgħuta fl-indirizz tal-kumpannija 30, Flat 9, Cresta Flats,

[13] *A fol.* 80 tal-proċess.

Triq l-Imradd, Ta' Xbiex fl-14 ta' Jannar, 2014. Kompla jgħid li wara li l-attur irriżenja minn segretarju ta' din il-kumpannija, dan kien beda proċeduri legali permezz ta' rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, li ġie ppreżentat fis-6 ta' Novembru, 2015, li permezz tiegħu talab li jiġi dikjarat li hu mhux responsabbli għall-ħlas ta' kwalsiasi taxxa dovuta minn Steps Ahead Limited. Ix-xhud qal li tali talba tal-attur ġiet miċħuda, u anki l-appell intavolat mill-attur ġie miċħud, sabiex b'hekk illum hemm deċiżjoni li għaddiet in ġudikat li tistabbilixxi li l-attur huwa responsabbli għas-soċjetà Steps Ahead Limited għall-finijiet tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud dovuta minnha. Ix-xhud qal ukoll li fit-30 ta' Marzu, 2015, l-attur kien kiteb lill-Kummissarju tat-Taxxi fejn qallu li matul il-perijodu li kien segretarju tal-kumpannija Steps Ahead Limited kien induna li kien hemm xi ħaġa ħażina u kien għalhekk li rriżenja u kien qiegħed jitlob konferma mingħand il-Kummissarju tat-Taxxa li hu mhux responsabbli għall-ħlas tat-taxxa jew għal kwalunkwe obbligazzjoni oħra ta' Steps Ahead Limited. Ix-xhud żied jgħid li l-Qorti fil-fatt iddeċidiet li l-attur għandu jinżamm responsabbli għat-taxxa dovuta għall-perijodu meta kien segretarju ta' din il-kumpannija. Ix-xhud ikkonferma li n-nota b'talba għall-ħlas ġiet mibgħuta lill-attur fid-19 ta' Ottubru, 2018, u din tkopri l-ammonti dovuta mis-soċjetà Steps Ahead Limited lill-Kummissarju tat-Taxxi, flimkien ma' penali u mgħaxijiet għall-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2010 u l-1 ta' Diċembru 2012, matul liema perijodu l-attur kien segretarju tal-istess kumpannija. Ix-xhud qal li l-ammonti għall-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2010 u t-28 ta' Frar 2011 huma ammonti dovuta bħala ammonti dikjarati mis-soċjetà msemmija fid-denunzji li ġew sottomessi, filwaqt li l-ammonti dovuta għall-perijodi l-oħra huma stejjem. Ix-xhud qal li l-attur ma sarx jaf l-ewwel darba b'dawn il-pendenzi meta rċieva n-nota b'talba għall-ħlas, iżda kien ġie notifikat bihom u kien

konxju tagħhom waqt il-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Ix-xhud żied jgħid li dawn l-ammonti dovuti bil-perijodi relattivi meta kellhom isiru l-ħlasijiet dovuti, kienu riprodotti fir-risposta li l-Kummissarju tat-Taxxa ippreżenta quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, u ġew riprodotti wkoll fin-nota b'talba għall-ħlas mibgħuta lil Steps Ahead Limited fl-14 ta' Jannar, 2014. Ix-xhud qal li d-deċiżjonijiet tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u tal-Qorti tal-Appell jgħidu li l-attur huwa responsabbli, bħala rappreżentant tas-soċjetà Steps Ahead Limited, għall-ħlas tat-taxxa dovuta mill-istess kumpannija għall-perijodu meta huwa kien segretarju tal-kumpannija.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

L-attur ressaq dawn il-proċeduri wara li fl-24 ta' Novembru, 2018 huwa personalment irċieva talba għall-ħlas ta' taxxa tal-VAT pendenti fis-somma ta' €94,232.85 dovuta mis-soċjetà Steps Ahead Limited li tagħha hu kien segretarju għall-perijodu bejn id-19 ta' Mejju, 2010 u l-15 ta' Marzu, 2013. L-ammont pretiż mill-Kummissarju konvenut, ikopri taxxa pura, imgħaxijiet u penali, kif ukoll stejjem ta' taxxa, dovuta għall-perijodu bejn l-1 ta' Marzu, 2010 u l-21 ta' Marzu, 2013. Qabel inbdiet il-proċedura odjerna, l-attur kien istitwixxa proċedura quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li permezz tagħha kien talab lit-Tribunal jiddikjara li huwa personalment mhuwa responsabbli għall-ħlas ta' ebda taxxa jew xi forma ta' penali dovuta mis-soċjetà Steps Ahead Limited, in vista tal-fatt li hu kien irriżenja mill-kariga ta' segretarju ta' din il-kumpannija meta kien intebaħ li kien hemm xi affarijiet li ma kinux in regola, u partikolarment meta kien talab xi informazzjoni

mingħand id-direttriċi u din naqset milli tgħaddilu. Madanakollu it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kien iddeċieda li l-attur għandu responsabbilità x'iġorr fir-rigward tal-ħlas tat-taxxi u l-penali dovuti mis-soċjetà Steps Ahead Limited. Tal-istess fehma kienet il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fid-deċiżjoni li tat wara li l-attur ressaq l-appell tiegħu fir-rigward. Permezz tal-proċeduri odjerni, l-attur qiegħed jippretendi li kwalsiasi azzjoni fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju konvenut hija preskritta, u dan bid-dekors ta' sitt snin mid-data tal-perijodu rilevanti li t-taxxa kellha titħallas fih, *ai termini* tal-artikolu 58(2) tal-Kap. 406.[14] L-attur isostni li l-ewwel darba li hu sar jaf li l-Kummissarju konvenut qiegħed jippretendi l-ħlas tat-taxxa inkwistjoni mingħandu, kien fl-24 ta' Novembru, 2018, u qatt qabel din id-data ma kien irċieva xi forma ta' notifika jew xi talba għall-ħlas mingħand il-Kummissarju konvenut. Intqal li kieku ġie ppreżentat xi att ġudizzjarju fil-konfront tiegħu qabel dik id-data, il-preskrizzjoni kienet tiġi interrotta, iżda ladarba hu qatt ma rċieva xi tip ta' korrispondenza qabel, l-azzjoni fil-konfront tiegħu ma tistax tirnexxi.

Il-Kummissarju konvenut ħa l-pożizzjoni li l-kwistjoni f'dawn il-proċeduri mhix dwar jekk l-attur għandux responsabbilità x'iġorr fir-rigward tan-nuqqas tal-ħlas ta' taxxa matul il-perijodu li fih hu kien segretarju tal-kumpannija Steps Ahead Limited, u dan stante li r-responsabbilità tiegħu diġà ġiet ikkonfermata bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) li għaddiet in ġudikat. Fil-fatt, il-Kummissarju konvenut ikkontenda li kull argument dwar ir-responsabbilità tal-attur għandu jiġi skartat, stante li diġà hemm deċiżjoni tal-Qorti li tgħid li l-attur huwa responsabbli għall-ħlasijiet dovuta mill-kumpannija Steps Ahead Limited lid-Dipartiment tat-Taxxa għall-perijodu meta l-attur kien segretarju

[14] L-art. 58(2) jgħid: "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3), il-Kummissarju jista' jibda azzjoni għall-ħlas ta' kull taxxa u ta' penali amministrattiva f'kull żmien matul is-sitt snin mid-data ta' meta dik it-taxxa jew penali amministrattiva kellhom jitħallsu."

tal-istess kumpannija. Il-Kummissarju konvenut jieħu l-pożizzjoni li t-terminu preskrittiv li qiegħed jakkampa ruħu miegħu l-attur, ġie interrott b'azzjoni pożittiva tal-attur stess, li sentejn wara li ta r-riżenja tiegħu minn segretarju tal-kumpannija, u mingħajr ma ġie interpellat, bagħat ittra u istitwixxa proċeduri sabiex jiġi kkonfermat u stabbilit li hu mhux responsabbli għall-ħlasijiet tat-taxxa dovuta minn kumpannija li huwa kien segretarju tagħha. Intqal ukoll li l-attur kien jaf kemm kienu l-ammonti pretiżi mill-Kummissarju konvenut ferm qabel it-tnedija ta' dawn il-proċeduri, għaliex fir-risposta tiegħu quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, il-Kummissarju konvenut kien ta d-dettalji kollha dwar l-ammonti pretiżi mid-Dipartiment tat-Taxxa u l-perijodi li għalihom il-ħlasijiet huma dovuti. Inoltre jrid jintqal li r-responsabbilità ta' segretarju ta' kumpannija tinġarr *in solidum* ma' dik tal-kumpannija, u għalhekk kwalsiasi *demand notice* li ntbagħtet lill-kumpannija mill-Kummissarju konvenut titqies li ġiet notifikata wkoll lill-attur.

Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal diversi deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna fir-rigward tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, fid-dawl tas-sottomissjoni li saret mill-Kummissarju konvenut, li kien l-attur stess qua debitur li interrompa l-perijodu preskrittiv bl-azzjoni li huwa ppreżenta quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. L-artikolu 2133 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> "Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja."

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Austin Psaila *vs* Lother Slabick**[15], intqal:

> "Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-preċitat Artikolu 2133 jestrinsika ruħu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni espliċita jew bi kwalsiasi fatt ieħor li jimplika l-eżistenza tal-ammissjoni tad-dritt. *Ad exemplum,* il-wegħda tal-ħlas, talba għad-dilazzjoni tal-pagament, il-ħlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-suċċessjoni jew f'forma ta' entrata fl-*accounts;*
>
> Jinsab preċiżat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-ġurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt għall-fini tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiżiti tal-volontarjetà, tal-konsapevolezza tal-inekwivoċità, dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiżiti dawn li hu neċessarju li jikkoeżistu flimkien fl-istess att;
>
> Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiżiti trid issir mill-attur billi huwa dan li qed jikkontrasta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontro-parti. Żgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, għandu l-kompitu li jiddeċiedi li *"iuxta allegata et probata."* Tajjeb li hawn jiġi mfakkar li, kif drabi oħra deċiż, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza mhijiex li għandha tiġi miċħuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li għandha tiġi akkolta, peress li l-pożizzjoni ġuridika tkun li mentri jkun fatt li għadda t-terminu tal-preskrizzjoni, ikun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti illi hemm interruzzjoni" (**Kollezz. Vol. XXX P. 1 p. 989**). Għaldaqstant dak li hu importanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun ċar u espliċitu (**Kollezz. Vol. XXXVIII P. III p .723**)."

Mill-provi prodotti ma jirriżultax li l-imġiba tal-attur matul is-snin meta d-Dipartiment konvenut beda jippretendi li l-attur personalment għandu jħallas it-taxxa dovuta mis-soċjetà Steps Ahead Limited għall-perijodu li matulu l-attur kien segretarju tal-istess soċjetà, jammonta għal xi forma ta' ammissjoni min-naħa tiegħu li hemm dejn dovut minnu, jew li ġie sodisfatt l-element tal-volontarjetà jew tal-konsapevolezza tal-inekwivoċità f'dan ir-rigward. Madanakollu dan ma jfissirx li l-attur għandu raġun fil-pretensjonijiet li qiegħed jivvanta f'dawn il-proċeduri, partikolarment billi l-attur ilu jaf għal diversi snin bil-pretensjonijiet tal-Kummissarju konvenut fir-rigward. Kien

[15] Appell (Inf.) 09.02.2005.

għalhekk li l-attur nieda proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sabiex jikseb dikjarazzjoni minn dak it-Tribunal li huwa m'għandux iġorr responsabbilità għal kwalsiasi obbligi tas-soċjetà konvenuta, liema proċeduri ma kellhomx eżitu favorevoli għalih, tant hu hekk li l-Qorti tat sentenza li għaddiet in ġudikat fejn ġie dikjarat l-attur huwa responsabbli *in solidum* mas-soċjetà Steps Ahead Limited għall-ħlasijiet tat-taxxa dovuti minnha għaż-żmien meta l-attur kien segretarju tal-istess soċjetà. Il-Qorti tqis ukoll li minkejja li ma kien hemm xejn x'iżomm lill-Kummissarju konvenut milli jipproċedi bl-intavolar ta' ittra sabiex jippreserva l-pożizzjoni tiegħu qabel id-data tad-19 ta' Ottubru, 2018, il-fatt li l-Kummissarju konvenut aġixxa prattikament mal-ewwel kif ingħatat id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-5 ta' Ottubru, 2018 fejn ġie deċiż li l-attur għandu jinżamm responsabbli *in solidum* mas-soċjetà Steps Ahead Limited għall-ħlas tat-taxxa dovuta mill-istess soċjetà għall-perijodu li matulu l-attur kien segretarju tal-istess soċjetà, flimkien mal-fatt li d-data tan-notifika tad-*demand note* tarġina ruħha entro t-terminu ta' żmien fejn il-Kummissarju konvenut seta' jressaq it-talba għall-ħlas, ifisser li t-terminu preskrittiv li l-attur jgħid li ddekorra favur tiegħu, kien għadu għaddej meta ntbagħtet id-*demand notice,* u għalhekk l-attur ma jistax jeċċepixxi li l-azzjoni tal-Kummissarju konvenut fil-konfront tiegħu hija preskritta, għaliex ma jirriżultax li dan hu l-każ.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju konvenut;**

2. **Tiċħad it-talbiet tal-attur.**

**Spejjeż tal-kawża a karigu tal-attur.**

Moqrija.